**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Dicembru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 480/2016 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**Matthew Scicluna**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tlett kuntratti, tnejn minnhom in atti n-Nutar Dottor Timothy Ellis datat 21 ta' Dicembru 2010 u 18 ta' Lulju 2011 (Dok. "A" u "B") u iehor in atti n-Nutar Dottor Marija Briffa datat 14 ta' Ottubru 2010 (Iskrizzjoni Ipotekarja relattiva ghall-kuntratt imsemmi bin-numru I 17276/2008 qed tigi hawn esebita u mmarkata bhala Dok. "C" u permezz ta' tlett skritturi privati datati 4 ta' Gunju 2010 (Dok. "D"), 2 ta' Settembru 2011 (Dok. "E") u ohra datata 29 ta' Frar 2012 (Dok. "F") is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Matthew Scicluna.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici ta' Matthew Scicluna fis-somma ta' mija u sitta u tletin elf, sitt mija u sitta u sittin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€136,666.53) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Matthew Scicluna mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "G1 sa G2", Dok. "H1 sa H2", Dok. "I", Dok. "J", Dok. K1 sa K3", Dok. "L", Dok. "M1 sa M3", Dok. "N1 sa N3" u Dok. "O1 sa O3") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-10 ta' Marzu 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dok. "A", "B", "C", "D", "E" u "F"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Matthew Scicluna:

(a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi;

(b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew,

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Matthew Scicluna li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenut Matthew Scicluna gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru 2013, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "P" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dok. "A", "B", "C", "D", "E" u "F"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Matthew Scicluna (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija

kuntratti u skritturi (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Matthew Scicluna li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u

2. Tikkundanna lil Matthew Scicluna ihallas lis-socjetà attrici is-somma ta' mija u sitta u tletin elf, sitt mija u sitta u sittin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€136,666.53) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Matthew Scicluna mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "G1 sa G2", Dok. "H1 sa H2", Dok. "I", Dok. "J", Dok. K1 sa K3", Dok. "L", Dok. "M1 sa M3", Dok. "N1 sa N3" u Dok. "O1 sa O3") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-10 ta' Marzu 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru 2013 (Dok. "P") kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li l-intimat, debitament notifikat, la wiegeb ghall-kawza u lanqas ghamel sottomissjonijiet finali kif awtorizzat.

Semghet ix-xhud viva voce.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz tax-xhieda viva voce u d-dokumenti esibiti il-bank ipprova sal-grad rikjest mill-ligi li t-talba tieghu jisthoqqilha tintlaqa'.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Matthew Scicluna.

IMHALLEF

DEP/REG